MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2007

Mandat Numru. 563/2007/1

**David Joseph d`Amato u Josianne Camilleri**

**vs**

**Frans Cutajar u Anthony Abela ghal kull interess li jista` jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, l-intimati naqsu li jidhru.

Semghet ix-xhud prodott.

Rat l-atti kollha fir-rikors.

Semghet lill-avukat tar-rikorrenti titratta.

Ikkunsidrat illi skond l-Art. 873(i) – L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Ikkunsidrat ukoll li skond l-istess Art 873(2)

Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ikkunsidrat illi:

Kemm mid-dokumenti pprezentati, kif ukoll mix-xhieda tal-Perit Vincent Buhagiar, il-Qorti tinsab sodisfatta li r-rikorrenti ppruvaw li *prima facie* jgawdu dawk il-jeddijiet li jghidu li ghandhom u li dak li qed jitolbu l-Qorti li zzomm lill-intimat milli jaghmel huwa ta` pregudizzju ghalihom.

Ghaldaqstant tipprovdi b`mod definittiv billi tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fl-istess rikors.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------